REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 332/2008

tal-11 ta' April 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 297/2003 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kwota tariffarja fuq iċ-ċanga u l-vitella li joriġinaw fiċ-Ċili

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi,

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 297/2003 [2] jipprevedi l-ftuħ u l-amministrazzjoni, fuq bażi multiannwali, ta' kwota tariffarja għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti taċ-ċanga u tal-vitella. Ċertifikati ta' awtenticità li jixhdu li l-prodotti joriġinaw fiċ-Ċili għandhom jinħarġu qabel l-importazzjoni ta' ċerti prodotti. L-isem ta' l-awtorità li toħroġ dawn iċ-ċertifikati jinsab f'Anness III ta' dak ir-Regolament. L-Artikolu 8(2) ta' dak ir-Regolament jipprovdi li l-Anness III jista' jiġi rivedut jekk tinħatar awtorità ġdida għall-ħruġ taċ-ċertifikati.

(2) Iċ-Ċili nnotifika lill-Kummissjoni li ħatar entità ġdida li se tkun awtorizzata li toħroġ ċertifikati ta' awtenticità mill-1 ta' Lulju 2008.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 297/2003 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taċ-Ċanga u tal-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 297/2003 huwa sostitwit mill-Anness għal dan ir-Regolament

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' April 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 98/2008 (ĠU L 29, 2.2.2008, p. 5). Ir-Regolament (KE) Nru 1254/1999 se jiġi mibdul bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) b'seħħ mill-1 ta' Lulju 2008.

[2] ĠU L 43, 18.2.2003, p. 26. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 567/2007 (ĠU L 133, 25.5.2007, p. 13).

ANNESS

"ANNESS III

L-entità awtorizzata miċ-Ċili għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' awtenticità:

Asociación Gremial de Plantas Faenadoras Frigoríficas de Carnes de Chile
Teatinos 20 – Oficina 55
Santiago
Chile"